# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34/09

**It-Tnejn 13 ta' April 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

34.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.5 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress
d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

34.6 Rapporti;

34.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

34.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 34.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm ittra mingħand il-Kunsilliera C. Chetcuti fejn talbet biex tiġi skużata. Din it-talba ġiet milqugħa.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 33/09 nem con.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

34.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti bil-kwotazzjoni relatati ma' installazzjoni ta' road humps fi Triq Santa Marija u fi Triq Mons. Pawlu Mallia.

34.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fi Triq il-Lebbien inbdew u li l-parti ta' taħt il-mina ser isir imprint concrete. Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob li jsir bil-madum u jekk hemm bżonn joħroġ id-differenza.

34.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għamel talba mall-Public Works biex jiġu rranġati il-ħitan li jinsabu fuq wara tal-HE.

34.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li Reġjun ser ikun qed jibgħat il-ħaddiema biex jagħmlu xi xogħol ta' manutenzjoni f' Wesgħa Anġlu Dalli.

34.3.5 Is-Sindku għamel referenza għad-direzzjoni li ntbgħatet minn naħa tad-Direttur Ġenerali dwar it-talba li saret mill-għaqdiet relatata ma' fondi żejda dwar it-tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li din l-ittra li rċieva l-Kunsill tintbgħat lil dawn l-għaqdiet. Il-Kunsillier S. Caruana propona li tintbgħat ittra ta' apoloġija lil kulħadd dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni minn naħa tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku qal ukoll li huwa importanti li li dak li jibgħat il-Kunsill, jiġi nnutat ukoll mill-għaqdiet kollha. Il-Kunsillier S Caruana propona biex tintbgħat ittra bit-toroq lill-għaqdiet kollha u jekk hemm bżonn isir kuntratt b'nutar. Kull għaqda tarma 15 – il disinn u anke fil-HE irid jintrema 15 – il disinn ukoll. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

34.3.6 Is-Sindku preżenta l-korrispondenza relatata mad-disinn tal-Milied li ntbgħat mill-Għaqda Mużikali Maria Assunta, fejn dan ġie approvat minn dawk preżenti.

34.3.7 Ġiet preżentata l-korrispondenza rigward is-Sidewalk Libraries fejn is-Sindku talab sabiex jiġu ddentifikati xi postijiet fejn jisgħtu jiġu nstallati. Ġew identifikati Ġnien R.Caruana, Ġnien G.Cassar, Wesgħa Anġlu Dalli, Ġnien il-Qari, Ġnien iż-Żgħażagħ u l-Housing Estate. Il-membri tal-Kunsill talbu sabiex nitolbu għad-disinn u l-qisien ta' dawn il-libreriji.

34.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-għaqda Skali talbu għal laqgħa mall-Kunsill. Il-Kunsill laqa' din it-talba u ser ikun qed jinfurmhom b'data u ħin.

34.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienu twaħħlu dawl jaħdem bis-solar fejn iz-zebra cross fi Vjal it-Torri.

34.3.9 Ġiet preżentata l-korrispondenza relatata mall-Innu tal-Gudja fejn il-Kunsill approva l-kwotazzjoni għal dan is-servizz.

34.3.10 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet relatati mall-qlugħ tat-turf tal-ground fi Ġnien Raymond Caruana, fejn il-Kunsill approva li dan ix-xogħol isir minn naħa tal-Kunsill.

34.3.11 Ġiet preżentata korrispondenza mibugħta mis-Sur Warren Muscat dwar attivita' li ser titella' fis-17 ta' April 2026. Is-Sur Muscat talab sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament f'din l-attivita' billi jinxtraw medalji u trophies. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

34.3.12 Ġiet preżentata proposta mill-kumpanija The Notebook Centre dwar skema li qed joffru lill-Kunsilli dwar servizz ta' backups, antiviruses programmes u servizzi oħra relatati mall-kompjuter għar-residenti. Din il-proposta tiswa ħames t'elef ewro mingħajr Vat għal sena.

34.3.13 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fi Triq il-Gudja nqalgħet siġra tal-awrekarja. Is-Sindku talab biex tinxtara oħra. Is-Sindku qal ukoll li dwar il-proġett ta' Triq il-Gudja, minn naħa tiegħu qed ikompli jipressa biex isir ukoll ix-xogħol fuq is-Salib ta' Dejma.

34.4.14 Is-Sindku għamel referenza għall-stedina għat-tlielaq taż-żwiemel li ser tiġi organizzata mir-Reġjun Nofsinhar. Din l-attivita' ser isir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju 2026.

34.3.15 Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni dwar l-Skema SPI/SCI/02/2026 Finanzjament – Lokalitajiet Aktar Nodfa fejn propona li l-Kunsill japplika għal din l-skema biex titella' Clean Up Day u tiġi mistiedna l-iskola St. Jean Antide. Din l-applikazzjoni ġiet approvata unanimament.

34.3.16 Ġie preżentat ir-Rapport ta' Ħidma li ipprepara l-Contracts Manager għax-xahar ta' Marzu.

34.3.17 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li bejn is-27 u t-30 ta' Mejju 2026 kienet ser isir ir-4 konferenza tal-proġett SECURE, fejn il-Kunsill huwa mistieden li jibgħat żewġ rappreżentanti. Din il-konferenza ser isir ġewwa Serifos, il-Greċja. Is-Sindku talab sabiex min hu nteressat jattendi jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.

34.3.18 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li saret mill-impjegat is-Sur Michael Magro sabiex iġedded sena oħra ta' impjieg mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Din it-talba ġiet milqugħa minn dawk preżenti.

### 34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.4.1 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal culvert fi Triq Bir Miftuħ fejn għandu bżonn jiġi rranġat.

34.4.2 Il-Kunsillier S Caruana informa lil dawk preżenti li kien qed jogħqod l-ilma f'Ta' Loreto.

34.4.3 Il-Kunsillier S Caruana informa lil dawk preżenti li hemm xi toroq li mhux jinkinsu. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien nbiddel is-supervisor u anke xi kennies. Is-Sindku qal li ser jkun qed jieħu l-azzjoni neċċessarja.

34.4.4 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir tindif spiss meta tkun xi ġurnata festa.

34.4.5 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġi installat litter bin fejn Ġnien il-Kmand.

34.4.6 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jerġa' jibda jorganizza l-attivita' tal-4 staġuni.

### 34.5 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

Is-Sindku preżenta l-Evaluation Report dwar il-proġett tal-Housing Estate. Il-Bord ta' Evalwazzjoni approva l-irħas offerta tal-kumpanija The A Parks peress li kienet hi l-unika offerta eliġibbli.

d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-van kien lest u li matul il-ġranet li ġejjin, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel l-arranġamenti neċċessarji biex jġib il-van. Dan is-servizz ser jibda jingħata mill-4 ta' Mejju 2026. Dan is-servizz ser ikun qed jingħata għal M'Xlokk, Raħal Ġdid , San Vinċenz u għal xi servizz ġol-

Gudja stess. Dan is-servizz ser jingħata lil dawk li għandhom 'il fuq minn 60 sena jew li għandhom il-blu badge.

### 34.6 Rapporti;

Nil

### 34.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 23/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsillier S. Caruana u sekondata mill-Viċi Sindku A. Dalli għall-ammont totali ta' €36,905.00 u ġiet approvata nem con..

### 34.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026

R. Baldacchino

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv